31988R1315

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1315/88
tat-3 ta' Mejju 1988
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali u r-Regolament (KEE) Nru 918/83 li jistabbilixxu sistema Komunitarja ta' eżenzjoni mid-dazji doganali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi s-Sezzjoni II C tad-diposizzjonijiet preliminari tan-nomenklatura magħquda mhemuza mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (4) tipprovdi għad-dazju tad-dwana li għandu jitħallas bir-rata bażika ta' 10 % *ad valorem* fuq il-merkanzija mibgħuta f'kunsinni żgħar lill-individwi privati jew miżmuma fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi, sakemm importazzjonijiet bħal dawn mhumiex ta' natura kummerċjali u l-valur totali ta' merkanzija bħal din ma jaqbiżx il-115 ECU għal kull kunsinna għal kull vjaġġatur;

Billi, skond is-Sezzjoni II C (3) tad-dispożizzjonijiet preliminari mitħaddta, r-rata bażika ta' 10 % dazju tad-dwana titħallas fejn għandhom x'jaqsmu l-merkanzija miżmuma fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi biss fuq il-frazzjon tal-valur li jaqbeż l-ammonti mistqarra ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni skond l-Artikoli 45 sa 49 tar-Regolament (KEE) Nri 918/83 (5), kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3822/85 (6); filwaqt li, madanakollu, bħala riżultat tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KEE) Nru 918/83, ir-rata bażika ta' 10 % titħallas fuq il-merkanzija kollha f'kunsinni żgħar mibgħuta lill-individwi privati fejn il-valur totali ta' l-istess kunsinni jaqbeż l-ammont stipulat skond l-ammissjoni tagħhom bħala oġġetti mingħajr dazju, i.e. 45 ECU;

Billi l-iżvantaġġ ta' dawn ir-regoli huwa li jħallu barra kwalunkwe eżenzjoni għal min jagħmel il-kunsinna ta' kunsinni żgħar li l-valur totali tagħhom jaqbeż, anke b'marġini żgħir, l-ammont ta' 45 ECU; filwaqt li l-eżami tas-sitwazzjoni wriet li l-introduzzjoni f'dan il-kuntest partikolari ta' diposizzjonijiet simili għal dawk applikabbli għall-merkanzija miżmuma fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi m'għandhomx joħolqu diffikultajiet amministrattivi serji; filwaqt li huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati kemm is-sezzjoni II C tal-diposizzjonijiet preliminari tan-nomenklatura magħquda kemm it-Titolu VII tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 biex jippermettu l-eżenzjoni u biex titħallas ir-rata bażika ta' 10 % dazju tad-dwana biss fuq il-frazzjon tal-valur li jaqbeż dak l-ammont;

Billi f'dan il-punt, il-valur li warajh ir-rata bażika ta' 10 % dazju tad-dwana jista' jiġi mitlub fuq kunsinni mibgħuta lil individwi privati għandu jiġi miżjud minn 115 ECU sa 200 ECU, kif ipproponiet il-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 1984 (7); filwaqt li għal raġunijiet ta' kjarifika legali, dawn l-emendi kollha għandhom isiru permezz ta' abbozz komplet mill-ġdid tas-Sezzjoni II C tad-dispożizzjonijiet preliminari tan-nomenklatura magħquda u t-Titolu VII tar-Regolament (KEE) Nru 918/83;

Peress li l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 jipprovdi li l-gżira ta' Heligoland għandha tiġi kunsidrata pajjiż terz; filwaqt li bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2151/84 tat-23 ta' Lulju 1984 fuq it-territorju tad-dwana tal-Komunità (8), kif emendat mill-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, li t-territorji kollha eżklużi mit-territorji tad-dwana tal-Komunità huma fl-istess pożizzjoni legali ta' Heligoland; filwaqt li hu għalhekk neċessarju li jiġi emendat l-istess l-Artikolu 1(3);

Peress li l-Artikoli 137 u 138 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 iqiegħdu l-kundizzjonijiet li fuqhom, sa l-istabilizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Komunità fis-settur rilevanti, l-Istati Membri jistgħu japplikaw eżenzjoni speċjali mogħtija fuq l-importazzjonijiet ta' strumenti u apparat użat fir-riċerka medika, li jistabilixxu djanjożi medika jew li jwettqu trattament mediku;

Billi l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet minn Stat Membru wieħed wera li l-ammissjoni mingħajr dazju ta' l-istrumenti u l-apparat rilevanti, sakemm strumenti u apparat ekwivalenti mhumiex fabbrikati fil-Komunità ma jistax ikollhom effetti ħżiena fuq l-ekonomija tal-Komunità; filwaqt li kien, madankollu, jagħmel kontribuzzjoni effettiva għal-iskoperta u t-trattament ta' mard serju li jistgħu jaffettwaw persuni li joqgħodu fil-Komunità; billi hu għalhekk tajjeb li jiġu nkuraġġati kwalunkwe donazzjonijiet ta' strumenti jew apparat bħal dawn lill-istituzzjoiiet tal-mediċina approvati għal dawn l-iskopijiet mill-awtoritajiet kompetenti; billi d-dispożizzjonijiet fakoltattivi u temporanji li hemm

(1) ĠU L 254, tal-11.10.1986, p. 7.
(2) ĠU L 13, tat-18.1.1988, p. 173.
(3) ĠU L 105, tal-21.4.1987, p.4.
(4) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p.1.
(5) ĠU L 105, tat-23.4.1983, p.1.
(6) ĠU L 370, tal-31.12.1985, p. 22
(7) ĠU L 324, tal-5.12.1984, p. 5.
(8) ĠU L 197, tas-27.7.1984, p.1.

fl-Artikoli 137 u 138 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 fejn għandhom x'jaqsmu l-istrumenti u l-apparat użat fir-riċerka medika, li jistabilixxu djanjożi medika jew li jwettqu trattament mediku

Għandhom jiġu maqluba f'dispożizzjonijiet definittivi applikabbli fil-Komunità u, għal dawn il-fini, l-istess l-Artikoli għandhom jiġu mibdula bit-Titolu XIVa li għandu jirrigwardja ma' dan il-każ partikolari ta' eżenzjoni;

Filwaqt li r-Regolament (KEE) Nru 918/83 għandu wkoll jiġi supplimentat biex jieħu kont tax-xogħol imwettaq mill-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija bl-introduzzjoni ta' eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjonijiet fejn għandhom x'jaqsmu s-sustanzi ta' riferenza meħtieġa għall-kontroll tal-kwalità tal-prodotti mediċinali;

Billi, fuq il-bażi tax-xogħol imwettaq fi ħdan il-Kumitat ta' l-Arranġamenti Mingħajr Dazju mill-infurzar tar-Regolament (KEE) Nru 918/83, ġie stabbilit li xi numru ta' diposizzjonijiet temporanji previst fl-Artikolu 136 jistgħu, skond xi kundizjonijiet, jiġu mibdula f'diposizzjonijiet definittivi jew limitati biż-żmien, jew imħassra; billi l-Artikoli 133 sa 136 għandhom jiġu emendati kif suppost sabiex jitneħħa sakemm hu possibli kwalunkwe dubju fejn għandu x'jaqsam l-iskop tagħhom u kwalunkwe nuqqas fl-applikazzjoni tas-sistema komunitarja ta' eżenzjoni mid-dazji doganali stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 918/83;

Peress li hu għalhekk ta' min jieħu l-opportunità li tirriżulta minn dawn l-emendi varji għar-Regolament (KEE) Nru 918/83 biex jiġu emendati xi diposizzjonijiet oħra biex l-applikazzjoni tagħhom tkun aktar konsistenti ma' l-objettivi segwiti, jew sabiex tkun assigurata l-konformità mad-diposizzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas ta' xi organizzazzjonijiet internazzjonali, l-iktar id-Deċiżjoni -Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għal-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OKIE) adottatta fis-27 ta' Novembru 1985 li tikkonċerna l-polza fis-settur tat-turiżmu internazzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-Sezzjoni IIC tad-diposizzjonijiet preliminari għan-nomenklatura magħquda b'anness mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hija mibdula b'li ġej:

"C. Ir-Rata *standard* tad-dazju

1. Id-dazju tad-dwana għandu jitħallas bir-rata bażika ta' 10 % *ad valorem* fuq il-merkanzija:

   — miżmuma f'kunsinni mibgħuta minn individwu privat għal ieħor,

   — miżmuma fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi,

   sakemm importazzjonijiet bħal dawn mhumiex ta' xorta kummerċjali.

   Din ir-rata bażika t'10 % dazju tad-dwana għandha tapplika sakemm il-valur tal-merkanzija soġġetta għall-importazzjoni ma taqbiżx 200 ECU għal kull kunsinna jew għal kull vjaġġatur.

   Stima tar-rata bażika bħal din m'għandhiex tapplika għall-merkanzija li hemm fil-Kapitlu 24 li hi miżmuma f'kunsinna jew fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi f'ammonti li jaqbżu dawk li hemm fl-Artikolu 31 jew fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 ([1]).

2. L-Importazzjonijiet għandhom jiġu trattati bħala ta' xorta kummerċjali jekk:

   (a) fil-każ ta' merkanzija miżmuma fil-kunsinni mibgħuta minn individwu privat għal ieħor, kunsinni bħal dawn:

      — huma ta' xorta okkażjonali,

      — iżommu merkanzija esklużivament għall-użu personali ta' min jagħmel il-kunsinna jew il-familja tiegħu; li ma jirriflettux permezz tax-xorta jew il-kwantità tagħhom xi interess kummerċjali,

      — huma mibgħuta lil min jirċievi l-kunsinna ħielsa minn ħlas ta' kwalunkwe xorta;

   (b) fil-każ ta' merkanzija miżmuma fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi:

      — huma ta' xorta okkażjonali,

      — jikkonsistu esklussivament f'merkanzija għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom, jew f'merkanzija maħsuba bħala rigali; ix-xorta u l-kwantità ta' merkanzija bħal din ma tistax tkun ta' natura li tista' tindika li hi mpurtata għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata bażika tad-dazji tad-dwana m'għandiex tapplika għall-merkanzija mpurtata bil-kundizzjonijiet imqieġħda fil-paragrafi 1 u 2 jekk il-persuna ntitulata, talbet, qabel ir-rata bażika msemmija, li jkunu soġġetti għad-dazji tad-dwana xierqa għalihom. Il-merkanzija kollha li tagħmel il-kunsinna għandha mbagħad tkun soġġetta għad-dazji ta' l-importazzjoni li huma xierqa għalihom, mingħajr preġudizzju għall-ammissjoni mingħajr dazju moghtija skond l-Artikoli 29 sa 31 u 45 sa 49 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83.

   Għall-iskopijiet ta' l-ewwel subparagrafu, id-dazji fuq l-importazzjoni għandhom ifissru kemm id-dazji tad-dwana kemm ċifri ta' effett ekwivalenti u taxxi agrikoli u xi ċifri fuq importazzjonijiet oħra li tagħmel tajjeb għalihom il-polza agrikola komuni jew skond arranġamenti speċifiċi applikabbli għal xi merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' xi prodotti agrikoli.

4. L-Istati Membri jistgħu jarrotondaw, fil-munita nazzjonali, li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' 200 ECU.

5. L-Istati Membri jistgħu jżommu mingħajr tibdil l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tas-somma ta' 200 ECU jekk, fil-ħin ta' l-aġġustament fis-sena li jagħmel tajjeb għalih l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2779/78, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE0 Nru 289/84 ([2]), il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel

it-tranġar għad-dritt li jagħmel tajjeb għalih il-paragrafu 4, jirriżulta f'bidla ta' inqas minn 5 % ta' ekwivalent fil-munita nazzjonali, jew f'nuqqas hemmhekk.

([1]) ĠU L 105, tat-23.4.1983, p.1.
([2]) ĠU L 33, ta' l-4.2.1984, p.2."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 918/83 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(3) hu mibdul b' li ġej:

"3. Ħlief kif ipprovdut xort oħra f'dan ir-Regolament għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-Kapitolu I, il-kunċett tal-pajjiżi terz jinkludi wkoll dawk il-partijiet tat-territorji ta' l-Istati Membri esklużi mit-territorju tad-dwana tal-Komunità permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2151/84 ([1]).

([1]) ĠU L 197, tas-27.7.1984, p.1."

2. L-Artikolu 11(2) hu mibdul b' li ġej:

"2. Soġġett għall-istess kondizzjonijiet, rigali s-soltu mogħtija fl-okkażjoni ta' żwieġ, li huma rċevuti minn persuna li ttemm il-kundizzjonijiet li hemm fil-paragrafu 1 minn persuni li għandhom ir-residenza normali tagħhom f'pajjiż terzj għandhom ukoll ikunu ammessi ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni. Il-valur ta' kull rigal ammess mingħajr dubju ma jistax, madanakollu jaqbeż l-1 000 ECU."

3. It-Titolu VII għandu jiġi mibdul b' li ġej:

"TITLU VII

Kunsinni mibgħuta minn individwu privat għall-ieħor,

Artikolu 29

1. Soġġett għall-Artikoli 30 u 31, merkanzija miżmuma f'kunsinni mibgħuta minn pajjiż terz minn individwu privat għal individwu privat ieħor li joqgħod f'territorju tad-dwana tal-Komunità għandha tiġi ammessa ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni, sakemm importazzjonijiet bħal dawn mhumiex ta' xorta kummerċjali.

L-eżenzjoni li jagħmel tajjeb għalih dan il-paragrafu m'għandux japplika għal merkanzija fil-kunsinni mibgħuta mill-gżira ta' Heligoland.

2. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, kunsinni mportati huma 'ta' xorta mhux kummerċjali' jekk:

— huma ta' xorta okkażjonali,

— iżommu merkanzija esklużivament għall-użu personali ta' min jagħmel il-kunsinna jew il-familja tiegħu, li ma jirriflettux permezz tax-xorta jew il-kwantità tagħhom xi interess kummerċjali,

— huma mibgħuta lil min jirċievi l-kunsinna ħielsa minn ħlas ta' kwalunkwe xorta;

Artikolu 30

L-eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1) għandu japplika għall-valur ta' 45 ECU għal kull kunsinna, nkluż il-valur ta' merkanzija msemmija fl-Artikolu 31.

Meta l-valur totali għal kull kunsinna ta' żewġ oġġetti jew aktar jaqbeż l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu, rilaxx sa dak l-ammont għandu jiġi mogħti għal oġġetti bħal dawn kif kien ikun mogħti eżenzjoni, jekk importati separatament, bil-fehma li l-valur ta' oġġett individwali ma jistax jiġi maqsum.

Artikolu 31

L-eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1) għandu jkun limitat, għal kull kunsinna, għall-kwantitajiet mogħtija għal kull wieħed mill-oġġetti imniżżla hawn taħt:

(a) prodotti tat-tabakk:

50 sigarett, jew

25 *cigarillos* (sigarri ta' piż massimu ta' tlett grammi kull wieħed), jew

10 sigarri, jew

50 gramma ta' tabakk għat-tipjip, jew

taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

(b) alkoħol u xorb alkoħoliku:

— xorb distillat u spirti ta' forza alkoħolika b'volum li jaqbeż il-volum ta' 22 %; alkoħol *ethyl* mhux snaturat ta' volum ta' 80 % u iktar: litru, jew

— xorb u spirti distillati, u aperittivi b'bażi alkoħolika jew ta' nbid, *tafia*, *saké* jew xorb simili, ta' forza alkoħolika b'volum li ma jaqbiżx il-volum ta' 22 %; inbid *sparkling*, inbejjed ta' likur: litru, jew taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

— inbejjed *still*: żewġ litri;

(ċ) fwejjaħ: 50 gramma, jew

toilet waters: 0,25 litru."

4. L-Artikolu 46(1) hu mibdul b' li ġej:

"1. L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1) għandu, fejn għandhom x'jaqsmu l-merkanzija li hemm hawn taħt, japplikaw soġġetti għall-limiti kwantitattivi li ġejjin għal kull vjaġġatur:

(a) prodotti tat-tabakk:

200 sigarett, jew

100 *cigarillos* (sigarri ta' piż massimu ta' tlett grammi kull wieħed), jew

50 sigarru, jew

250 gramma ta' tabakk għat-tipjip, jew

taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

(b) alkoħol u xorb alkoħoliku:

— xorb distillat u spirti ta' forza alkoħolika b'volum li jaqbeż il-volum ta' 22 %; alkoħol *ethyl* mhux snaturat ta' volum ta' 80 % u iktar: litru, jew

— xorb u spirti distillati, u aperittivi b'bażi alkoħolika jew ta' nbid, *tafia*, *saké* jew xorb simili, ta' forza alkoħolika b'volum li ma jaqbiżx il-volum ta' 22 %; inbid frizzanti, inbejjed ta' likur: litru, jew taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

— inbejjed: żewġ litri;

(ċ) fwejjaħ: 50 gramma, jew

'toilet waters': 0,25 litru.

(d) prodotti mediċinali: il-kwantità meħtieġa

biex skond il-bżonnijiet personali tal-vjaġġaturi."

5. Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 49(2):

"L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet minn hemm."

6. L-Artikolu 60 għandu jiġi mibdul b' li ġej:

"L-Artikolu 60

1. Ir-rilaxx mid-dazji fuq l-importazzjonijiet għandu jiġi mogħti fejn għandhom x'jaqsmu:

(a) annimali speċjalment preparati għall-użu fil-laboratorju;

(b) sustanzi bioloġiċi jew kimiċi inklużi f'lista mfassla skond il-proċedura li hemm fl-Artikolu 143(2) u (3), li huma mportati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali.

2. L-eżenzjoni imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun limitat għall-annimali u sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi li huma maħsuba għal:

— jew stabblimenti pubbliċi prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika u dawk id-dipartimenti ta' stabbilimenti pubbliċi li huma prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika, jew

— stabbilimenti privati li huma prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika u awtoriżżati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu oġġetti bħal dawn mingħajr dazju.

3. Il-lista msemmija fis-subparagrafu 1 (b) tista tinkludi biss sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi li għalihom m'hemm ebda protezzjoni ekwivalenti fit-territorju tad-dwana tal- Komunità u li, minħabba l-ispeċifiċità jew il-grad ta' purità tagħhom, huma primarjament jew esklussivament xierqa għal riċerka xjentifika."

7. It-Titli li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"TITLU XIVa

Strumenti u apparat maħsub għar-riċerka medika, li jistabilixxu djanjożi medika jew li jwettqu trattament mediku

L-Artikolu 63a

1. Strumenti u apparat maħsuba għal riċerka medika, li jistabilixxu djanjożi medika jew li jwettqu trattament mediku li huma mogħtija jew minn organizzazzjoni karitatevoli jew filantropika jew minn individwu privat lill-awtoritajiet tas-saħħa, dipartimenti ta' l-isptar jew istituzzjonijiet mediċi ta' riċerka approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu oġġetti bħal dawn mingħajr dazju, jew li huma mixtrija minn awtoritajiet tas-saħħa bħal dawn, sptarijiet jew istituzzjonijiet ta' riċerka medika kompletament b'fondi mogħtija minn organiżżazzjoni karitatevoli jew filantropika jew b'kontribuzzjonijiet volontarji, għandhom ikunu ammessi ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni, dejjem sakemm hu stabbilit li:

(a) strumenti u apparat ekwivalenti mhumiex preżentament fabbrikati fit-territorju tad-dwana tal-Komunità;

(b) id-donazzjoni ta' l-istrumenti jew l-apparat miṫhaddet ma jaħbix xi intenzjoni kummerċjali minn-naħa ta' min qed jagħti; u

(ċ) min qed jagħti m'hu b'ebda mod konness mal-fabbrikant ta' l-istrumenti jew l-apparat li huma soġġetti għall-applikazzjoni tar-rilaxx tad-dazju.

2. L-eżenzjoni għandha wkoll tapplika, skond l-istess kundizzjonijiet, għal:

(a) *spare parts*, komponenti jew aċċessorji speċifikament għall-istrumenti jew l-apparat, sakemm dawn l-i *spare parts*, komponenti jew aċċessorji huma mpurtati fl-istess ħin ta' l-istrumenti u apparat bħal dawn, jew jekk impurtati wara li jistgħu jiġu identifikati li huma maħsuba għal strumenti jew apparat qabel ammess mingħajr dazju;

(b) għodda li għandha tintuża għall-manutenzjoni, t-tiftix, il-kalibrar jew it-tiswija ta' strumenti jew apparat, sakemm dawn l-għodda huma mpurtati fl-istess ħin ta' strumenti u apparat bħal dawn jew, jekk impurtati wara, li jistgħu jiġu identifikati bħala maħsuba għal strumenti jew apparat qabel ammessi mingħajr dazju.

Artikolu 63b

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 63a, u b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam ma' l-istrumenti jew l-apparat u l-entitajiet li jirċievu msemmija hemmhekk, ir-raba inċiż ta' l-Artikolu 54 u l-Artikoli 55, 57 u 58 għandu japplika *mutatis mutandis*.

TITLU XIVb

Ir-riferenza għas-sustanzi għall-kontroll tal-kwalità ta' prodotti mediċinali

Artikolu 63c

Kunsinni li jikkontjenu kampjuni ta' sustanzi ta' riferenza approvati mill-Organizzazzjoni għas-Saħħa Dinjija għall-kontroll ta' kwalità ta' materjali wżati fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti mediċinali u li huma indirizzati lil min jagħmel il-kunsinna awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu kunsinni bħal dawn ħielsa mid-dazju għandhom jiġu ammessi ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni."

8. Il-punt li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 86:

"(d) Premji, trofej u tifkiriet ta' natura simbolika u ta' valur limitat maħsuba għal distribuzzjoni b'xejn lill-persuni normalmenti residenti f'pajjiżi terzi f'konferenzi tan-negozju jew okkazjonijiet simili internazzjonali; ix-xorta tagħhom, il-valur unitarju jew fatturi oħra, ma jistgħux ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma mpurtati għal raġunijiet kummerċjali."

9. Il-punt li ġej huwa miżjud ma l-Artikolu 109:

"(q) Taxxi u bolol simili ta' prova għall-ħlasijiet ta' ċifri f'pajjiżi terzi."

10. It-titolu tat-Titolu XXVII hu mibdul b'li ġej:

"Żejt u żjut tal-magni preżenti f'vetturi ta' l-art b'mutur u kontenituri speċjali."

11. L-Artikoli 112 u 113 huma mibdula b'li ġej:

"L-Artikolu 112

1. Soġġett għall-diposizzjonijiet ta' l-Artikoli 113 sa 115:

(a) iż-żejt miżmum fit-tankijiet *standard* ta':

— vetturi b'mutur privati u kummerċjali u muturi,

— kontenituri speċjali,

li jidħlu fit-territorju tad-dwana tal-Komunità;

(b) żejt miżmum f'tankijiet li jistgħu jinġarru merfugħa minn vetturi b'muturi privati u muturi, b'massimu ta' 10 litri għal kull vettura u mingħajr preġudizzju għall-diposizzjonijiet nazzjonali fuq iż-żamma u t-trasport taż-żejt;

għandhom jiġu ammessi ħielsa mid-dazji fuq l-importazzjoni.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) 'vettura b'mutur kummerċjali' tfisser kwalunkwe vettura għat-triq b'mutur (inklużi t-tratturi bil-karrijiet jew mingħajrhom) li bit-tip ta' kostruzzjoni tagħhom u t-tgħammir tagħhom huma mfassla għal u kapaċi jit-trasportaw, kemm jekk bil-ħlas jew le:

— iktar minn disa' persuni inkluż is-sewwieq,

— il-merkanzija,

— u kwalunkwe vettura għat-triq għal skop speċifiku li mhux għat-trasport;

(b) 'vettura privata b'mutur' tfisser kwalunkwe vettura b'mutur li mhix koperta mid-definizzjoni mwaqqfa f (a);

(ċ) 'tankijiet *standard*' ifisser:

— it-tankijiet imwaħħla b'mod permanenti mill-fabbrikant mal-vetturi ta' mutur kollha ta' l-istess tip tal-vettura relattiva u li t-twaħħil permanenti tagħhom jagħmilha possibbli għaż-żjut li jiġu wżati b'mod dirett, kemm għall-iskop tal-propulsjoni kemm, fejn xieraq, matul it-trasport, għas-sistemi ta' tkessiħ u sistemi oħra.

Tankijiet tal-gass imwaħħla fuq vetturi b'mutur imfassla għall-użu dirett tal-gass bħala żejt u tankijiet imwaħħla fuq sistemi oħra li bihom il-vettura tista tiġi mgħammra għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala tankijiet *standard*,

— it-tankijiet imwaħħla b'mod permanenti mill-fabbrikant mal-kontenituri kollha ta' l-istess tip tal-kontenitur relattiv u li t-twaħħil permanenti tagħhom jagħmilha possibli għaż-żjut li jiġu wżati b'mod dirett għall-operazzjoni, matul it-trasport, ta' sistemi ta' tkessiħ u sistemi oħra li bihom kontenituri speċjali huma mgħammra;.

(d) 'kontenitur speċjali' ifisser kwalunkwe kontenitur mgħammar b'apparat speċjalment imfassal għas-sistemi ta' tkessiħ, sistemi ta' ossiġinu, sistemi ta' insulazzjoni termali, jew sistemi oħra.

Artikolu 113

Fejn għandu x'jaqsam iż-żejt fit-tankijiet *standard* ta' vetturi b'mutur kummerċjali u kontenituri speċjali, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għal 200 litru għal kull vettura, għal kull kontenitur u għal kull vjaġġ."

12. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 132 huwa mibdul b' li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu iżommu mingħajr tibdil ir-rata tal-kambju fil-munita nazzjonali tas-somma determinata f'ECU jekk, fil-ħin ta' l-aġġustament fis-sena li jagħmel tajjeb għalih l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2779/78 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE Nru 289/84 [2], il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel l-arrotondament li jagħmel tajjeb għalih il-paragrafu ta' qabel iwassal għal bidla ta' inqas minn 5 % fir-rata tal-kambju espressa fil-munita nazzjonali, jew għal tnaqqis tagħha.

---

[1] ĠU L 333, tat-30.11.1978, p. 5.
[2] ĠU L 33, ta' l-4.2.1984, p.2."

13. Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 133(1):

"(g) eżenzjoni fil-kuntest ta' ftehim li jidħlu fih fuq il-bażi ta' tpattija ma' pajjiżi terzi li huma Partiti Kuntratturi għall-Konvenzjoni fuq it-Titjir Internazzjonali ¬ivili (Chicago 1944) bl-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-Drawwiet Rakommandati 4.42 u 4.44 fl-Anness 9 mal-Konvenzjoni (it-tmien edizjoni, Lulju 1980)."

14. L-Artikolu 134(1) hu mibdul b' li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjon bil-diposizzjonijiet tad-dwana fil-konvenzjonijiet internazzjonali u l-ftehim tat-tip imsemmi fl-Artikolu 133(1)(b), (c), (d), (e), (f) u (g) u l-Artikolu 133(3) konklużi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."

15. L-Artikoli 135 u 136 huma mibdula b'li ġej:

"L-Artikolu 135

Dan ir-Regolament mgħandux iħalli barra ż-żamma:

(a) mill-Greċja tal-pożizzjoni speċjali mogħtija lil Mount Athos kif mogħti mill-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni Griega;

(b) mill-Ispanja u minn Franza, sa l-infurzar ta' l-arranġamenti li jiggvernaw ir-relazzjonijiet tan-negozji bejn il-Komunità u Andorra, tal-eżenzjoni li jirriżulta mill-Konvenzjoni tat-13 ta' Lulju 1867 u t-22 u t-23 ta' Novembru 1867 rispettivamenti bejn dawk il-pajjiżi u l-Andorra;

(ċ) mill-Istati Membri sa limitu ta' 210 ECU tal-eżenzjoni, jekk eżistenti, li jaqbeż dak imsemmi fl-Artikolu 47 li taw fl-1 ta' Jannar 1983 lill-baħrin tal-flotta merkantili nvoluti fl-ivvjaġġar internazzjonali.

Artikolu 136

1. Sakemm jiġu stabbiliti diposizzjonijiet tal-Komunità fis-settur rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjoni speċjali lill-forzi armati li ma jservux taħt il-bnadar tagħhom li huma stazzjonati fuq it-territorji tagħhom skond il-ftehim internazzjonali.

2. Sakemm jiġu stabbiliti diposizzjonijiet tal-Komunità fis-settur rilevanti, dan ir-Regolament m'għandux iħalli barra ż-żamma mill-Istati Membri tal-eżenzjoni mogħtija lill-ħaddiema li jerġgħu lura lejn pajjiżhom wara li jkunu qagħadu mill-inqas sitt xhur barra t-territorju tad-dwana tal-Komunità minħabba l-post tax-xogħol tagħhom."

16. L-Artikoli 137 u 138 (2) huma mħassra.

17. Fl-Artikoli 1, 4, 22, 45, 52 sa 56, 65, 72, 73, 86, 87, 117 u 120 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 "Komunità" hi mibdula b' "territorju tad-dwana tal-Komunità."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BANGEMANN